Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/1375

25.6.2026

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1375

tat-23 ta' Ġunju 2026

li temenda d-Deċiżjoni 2005/290/KE fir-rigward tar-regoli ta' ċertifikazzjoni u mudell ta' ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' kunsinni ta' laħam frisk ta' annimali porċini domestiċi maħsuba għall-konsum mill-bniedem mill-Kanada

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 126(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali) ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 238(3) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness 5-E tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra ([3]), ("il-Ftehim") jistabbilixxi l-miżuri tas-saħħa pubblika u tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' ċerti annimali u prodotti tal-annimali li għalihom għandha tiġi rikonoxxuta l-ekwivalenza.

(2) L-Anness 5-I tal-Ftehim jipprevedi attestazzjonijiet tas-saħħa li għandhom jiġu inklużi fil-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' ċerti annimali u prodotti tal-annimali li għalihom ġiet rikonoxxuta l-ekwivalenza tal-miżuri.

(3) L-ekwivalenza ġiet rikonoxxuta fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti tas-saħħa pubblika għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' laħam frisk maħsub għall-konsum mill-bniedem ta' annimali porċini domestiċi mill-Kanada iżda mhux għar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali. Għalhekk, jenħtieġ li s-simplifikazzjoni tal-mudell taċ-ċertifikat tikkonċerna biss l-attestazzjoni tas-saħħa pubblika tal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' laħam frisk maħsub għall-konsum mill-bniedem ta' annimali porċini domestiċi mill-Kanada. L-attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali ta' dak il-mudell taċ-ċertifikat jenħtieġ li tirreplika l-attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali fil-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk maħsub għall-konsum mill-bniedem, ħlief il-laħam separat mekkanikament, ta' annimali porċini domestiċi (MODEL POR) stipulat fil-Kapitolu 3 tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235 ([4]).

([1]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/625/oj.
([2]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.
([3]) ĠU L 11, 14.1.2017, p. 23, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2017/37/oj.
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235 tas-16 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) 2016/429 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali, mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali u mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, għad-dħul fl-Unjoni u l-movimenti fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali u oġġetti, ċertifikazzjoni uffiċjali dwar dawn iċ-ċertifikati u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 599/2004, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 636/2014 u (UE) 2019/628, id-Direttiva 98/68/KE u d-Deċiżjonijiet 2000/572/KE, 2003/779/KE u 2007/240/KE (ĠU L 442, 30.12.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/2235/oj).

(4) L-Artikolu 118(1) tar-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) moqri flimkien mal-Artikolu 107(2) ta' dak ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżit, għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' annimali jew prodotti ta' oriġini mill-annimali minn pajjiżi terzi, li ma ntuża l-ebda prodott mediċinali antimikrobiku biex jippromwovi t-tkabbir jew biex iżid ir-rendiment fl-annimali kkonċernati. Barra minn hekk, il-prodotti mediċinali li fihom l-antimikrobiċi li huma inklużi fil-lista ta' antimikrobiċi riżervati għat-trattament ta' ċerti infezzjonijiet fil-bnedmin stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1255 ([6]) ma setgħux intużaw fir-rigward ta' annimali jew prodotti ta' oriġini mill-annimali sabiex jippermettu d-dħul tagħhom fl-Unjoni minn pajjiżi terzi.

(5) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/905 ([7]) jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/6 billi jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' annimali ħajjin li jipproduċu l-ikel u prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsubin għall-konsum mill-bniedem li jiġu esportati minn pajjiżi terzi lejn l-Unjoni.

(6) L-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2023/905 jispeċifika, b'mod partikolari, li l-kunsinni ta' annimali ħajjin li jipproduċu l-ikel u ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsubin għall-konsum mill-bniedem jistgħu jidħlu fl-Unjoni biss meta jkunu akkumpanjati minn ċertifikat uffiċjali li jattesta l-konformità mar-regoli tal-Unjoni dwar l-użu ta' prodotti mediċinali antimikrobiċi stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/6 u fir-Regolament Delegat (UE) 2023/905.

(7) Għalhekk, jenħtieġ li tiddaħħal attestazzjoni li tikkonċerna l-konformità ma' dawn ir-regoli tal-Unjoni fil-mudell taċ-ċertifikat stabbilit fl-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/290/KE ([8]).

(8) Fl-interess taċ-ċarezza u l-konsistenza tar-regoli tal-Unjoni, il-mudell taċ-ċertifikat stabbilit fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2005/290/KE jenħtieġ li jiġi aġġornat, u jinkludi aġġornament tar-referenzi, tan-noti u tal-elementi strutturali, u jiġi sostitwit bil-mudell taċ-ċertifikat stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

(9) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2005/290/KE tiġi emendata kif xieraq.

(10) Sabiex jiġi evitat kwalunkwe tfixkil fil-kummerċ fir-rigward tad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' laħam frisk maħsub għall-konsum mill-bniedem ta' annimali porċini domestiċi mill-Kanada, l-użu tal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika għal-laħam frisk tal-ħnieżer domestiċi kkonsenjat lill-Unjoni mill-Kanada maħruġ f'konformità mal-Anness II tad-Deċiżjoni 2005/290/KE, kif applikabbli qabel l-emendi li saru lil dak l-Anness b'din id-Deċiżjoni, jenħtieġ li jkompli jiġi aċċettat għad-dħul fl-Unjoni matul perjodu tranżizzjonali sad-data tal-applikazzjoni tal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

(11) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

([5]) Ir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar prodotti mediċinali veterinarji u li jħassar id-Direttiva 2001/82/KE (ĠU L 4, 7.1.2019, p. 43, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/6/oj).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1255 tad-19 ta' Lulju 2022 li jiddeżinja l-antimikrobiċi jew il-gruppi ta' antimikrobiċi riżervati għat-trattament ta' ċerti infezzjonijiet fil-bniedem, f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 191, 20.7.2022, p. 58, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/1255/oj).

([7]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/905 tas-27 ta' Frar 2023 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-applikazzjoni tal-projbizzjoni tal-użu ta' ċerti prodotti mediċinali antimikrobiċi f'annimali jew fi prodotti li joriġinaw mill-annimali esportati minn pajjiżi terzi lejn l-Unjoni (ĠU L 116, 4.5.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/905/oj).

([8]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/290/KE tal-4 ta' April 2005 dwar ċertifikati ssimplifikati għall-importazzjoni fis-semen tal-annimali tal-ifrat u laħam frisk tal-majjal mill-Kanada u li temenda d-Deċiżjoni 2004/639/KE (ĠU L 93, 12.4.2005, p. 34, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2005/290/oj).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness II tad-Deċiżjoni 2005/290/KE huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Għal perjodu tranżizzjonali sat-3 ta' Diċembru 2026, l-użu taċ-ċertifikati tal-annimali u tas-saħħa pubblika maħruġin f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2005/290/KE, kif applikabbli qabel l-emendi li saru f'dak l-Anness permezz ta' din id-Deċiżjoni, għandu jkompli jiġi awtorizzat għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' laħam frisk maħsub għall-konsum mill-bniedem ta' annimali porċini domestiċi mill-Kanada, dment li dawk iċ-ċertifikati jkunu nħarġu mhux aktar tard mit-3 ta' Settembru 2026.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ġunju 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

"*ANNESS II*

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI/UFFIĊJALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' LAĦAM FRISK MAĦSUB GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM, ĦLIEF IL-LAĦAM SEPARAT MEKKANIKAMENT, TA' ANNIMALI PORĊINI DOMESTIĊI MILL-KANADA (MUDELL "CA-POR")

			Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali lill-UE			
Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna	**I.1**	**Konsenjatur/Esportatur** Isem Indirizz Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.2**	**Referenza taċ-ċertifikat**	**I.2a**	**Referenza tal-IMSOC** **KODIĊI QR**
			I.3	**Awtorità Kompetenti Ċentrali**		
			I.4	**Awtorità Kompetenti Lokali**		
	I.5	**Konsenjatarju/Importatur** Isem Indirizz Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.6**	**Operatur responsabbli għall-kunsinna** Isem Indirizz Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż		
	I.7	**Pajjiż tal-oriġini** Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.9**	**Pajjiż tad-destinazzjoni** Kodiċi ISO tal-pajjiż		
	I.8	**Reġjun tal-oriġini** Kodiċi	**I.10**	**Reġjun tad-destinazzjoni** Kodiċi		
	I.11	**Post tad-dispaċċ** Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Indirizz Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.12**	**Post tad-destinazzjoni** Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Indirizz Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż		
	I.13	**Post tat-tagħbija**	**I.14**	**Data u ħin tat-tluq**		
	I.15	**Mezz tat-trasport** ☐ Inġenju tal-ajru ☐ Bastiment ☐ Ferrovija ☐ Vettura tat-triq Identifikazzjoni	**I.16**	**Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul**		
			I.17	**Dokumenti ta' akkumpanjament** Tip Kodiċi Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż Referenza tad-dokument kummerċjali		
	I.18	**Kundizzjonijiet tat-trasport**	☐ Ambjentali	☐ Imkessaħ	☐ Iffriżat	
	I.19	**Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill** Nru tal-kontenitur Nru tas-siġill				
	I.20	**Iċċertifikat bħala jew għal**				
		☐ Prodotti għall-konsum mill-bniedem				
	I.21	☐ **Għat-tranżitu** Pajjiż terz Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.22**	☐ **Għas-suq intern**		
			I.23			
	I.24	**Għadd totali ta' pakketti**	**I.25**	**Kwantità totali**	**I.26**	**Piż nett totali/piż gross totali (kg)**
	I.27	**Deskrizzjoni tal-kunsinna**				
	Kodiċi NM Speċi Maħżen kiesaħ Tip ta' imballaġġ Piż nett Biċċerija Tip ta' trattament Natura tal-komodità Għadd ta' pakketti Nru tal-lott ☐ Konsumatur finali Data tal-ġbir/tal-produzzjoni Impjant tal-manifattura					

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat CA POR**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II. Informazzjoni dwar is-Saħħa	**II.a Referenza taċ-ċertifikat**	**II.b Referenza tal-IMSOC**

II.1. Attestazzjoni tas-saħħa pubblika

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika, li, l-**laħam frisk** tal-annimali porċini domestiċi (*Sus scrofa*) deskritt fil-Parti I ġie prodott f'konformità mal-istandards u mar-rekwiżit(i) Kanadiżi rilevanti li ġew rikonoxxuti bħala ekwivalenti għall-istandards u għar-rekwiżit(i) tal-Unjoni Ewropea [(1)]. Barra minn hekk, il-**laħam frisk** tal-annimali porċini domestiċi (*Sus scrofa*) deskritt fil-Parti I jissodisfa r-rekwiżiti speċjali applikabbli deskritti fil-punti 1.3.1 u 1.4.1 tat-taqsima tal-Unjoni Ewropea tal-librerija tar-rekwiżiti tal-esportazzjoni tal-Aġenzija Kanadiża għall-Ispezzjoni tal-Ikel.

[(2)] [(7)] **II.2. Attestazzjoni fir-rigward tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/905**

Jien, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niddikjara li jien konxju mir-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/905 u b'dan niċċertifika li l-**laħam frisk** tal-annimali porċini domestiċi (*Sus scrofa*) deskritt fil-Parti I ġie prodott f'konformità ma' dawn ir-rekwiżiti, u b'mod partikolari, li l-annimali li minnhom huwa derivat il-laħam ma ngħatawx prodotti mediċinali antimikrobiċi għall-promozzjoni tat-tkabbir jew għaż-żieda fir-rendiment jew prodotti mediċinali antimikrobiċi li fihom antimikrobiku inkluż fil-lista ta' antimikrobiċi riżervati għat-trattament ta' ċerti infezzjonijiet fil-bnedmin stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1255 kif stipulat fl-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2023/905 u li joriġinaw minn pajjiż terz jew reġjun tiegħu elenkat fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2598[(8)].

II.3. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali

Jien, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika, li l-**laħam frisk** deskritt fil-Parti I:

II.3.1. inkiseb fiż-**zona/i** bil-kodiċi(jiet) _____ [(3)] li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali hija/huma awtorizzata/i għad-dħul fl-Unjoni ta' **laħam frisk ta' annimali porċini domestiċi** u hija/huma elenkata/i fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404, u

(a) fejn ma ġietx irrapportata infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina u bid-deni tal-ħnieżer Afrikan għall-aħħar 12-il xahar qabel id-data tal-iskarnar tal-annimali li minnhom inkiseb il-laħam frisk, u matul l-istess perjodu ma ngħatax tilqim kontra dan il-mard;

[(2)] *jew* [(b) fejn ma ġietx irrapportata l-marda tal-ilsien u d-dwiefer għall-aħħar 12-il xahar qabel id-data tal-iskarnar tal-annimali li minnhom inkiseb il-laħam frisk, u matul l-istess perjodu ma ngħatax tilqim kontra din il-marda;]

[(2)] [(4)] *jew* [(b) fejn ma ġietx irrapportata l-marda tal-ilsien u d-dwiefer sa minn ___/___/____ (jj/xx/ssss);]

[(2)] *jew* [(c) fejn ma ġiex irrapportat id-deni klassiku tal-ħnieżer għall-aħħar 12-il xahar qabel id-data tal-iskarnar tal-annimali li minnhom inkiseb il-laħam frisk, u matul l-istess perjodu ma ngħatax tilqim kontra din il-marda;]

[(2)] [(4)] *jew* [(c) fejn ma ġiex irrapportat id-deni klassiku tal-ħnieżer sa minn ___/___/____ (jj/xx/ssss) u ma ngħatax tilqim kontra din il-marda matul l-aħħar 12-il xahar qabel id-data tal-iskarnar tal-annimali li minnhom inkiseb il-laħam frisk;]

II.3.2. inkiseb minn **annimali** li

[(2)] *jew* [baqgħu fiż-żona/i msemmija fil-punt II.3.1. sa mit-twelid, jew għal mill-inqas 3 xhur qabel id-data tal-iskarnar tagħhom;]

[(2)] *jew* [ġew introdotti fi ___/___/____(jj/xx/ssss) fiż-żona/i msemmija fil-punt II.3.1, miż-żona/i bil-kodiċi(jiet) _____ [(3)] li f'dik id-data kienet/kienu awtorizzata/i għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk ta' annimali porċini domestiċi u fejn baqgħu sa minn twelidhom, jew għal mill-inqas 3 xhur qabel id-data tal-iskarnar tagħhom;]

[(2)] *jew* [ġew introdotti fi ___/___/____ (jj/xx/ssss) fiż-żona/i msemmija fil-punt II.3.1, mill-Istat(i) Membru/i bil-kodiċi(jiet) ISO _____;]

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat CA POR**

II.3.3. inkiseb minn annimali li ġejjin minn **stabbilimenti**:

(a) li huma rreġistrati minn l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew territorju u li huma taħt il-kontroll tagħha u li għandhom sistema fis-seħħ sabiex iżommu u jaġġornaw ir-rekords f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692;

(b) li jirċievu żjarat regolari tas-saħħa tal-annimali minn veterinarju għall-fini ta' detezzjoni ta' sinjali, u ta' informazzjoni dwar sinjali li jindikaw l-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat imsemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għall-ispeċi u l-mard emerġenti;

(c) li ma kinux soġġetti għal miżuri nazzjonali ta' restrizzjoni għal raġunijiet tas-saħħa tal-annimali, inkluż il-mard elenkat imsemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għall-ispeċi u l-mard emerġenti, fil-ħin tad-dispaċċ lejn il-biċċerija;

(d) li fihom l-ebda annimal miżmum fihom ma ngħata tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer, l-infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina, id-deni tal-ħnieżer Afrikan u d-deni klassiku tal-ħnieżer;

(e) li fihom u madwarhom, fi ħdan żona b'raġġ ta' 10 km, inkluż fejn xieraq it-territorju ta' pajjiż ġar, ma ġewx irrapportati l-marda tal-ilsien u d-dwiefer, l-infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina, id-deni tal-ħnieżer Afrikan u d-deni klassiku tal-ħnieżer matul l-aħħar 30 jum qabel id-data tal-iskarnar tal-annimali;

II.3.4. inkiseb minn **annimali** li:

(a) inżammu separati mill-ungulati selvaġġi mit-twelid;

(b) ġew dispaċċati mill-istabbilimenti tal-oriġini tagħhom lejn biċċerija f'mezz tat-trasport: (i) li huwa mibni b'mod li l-annimali ma jkunux jistgħu jaħarbu jew jaqgħu minnu; (ii) li fih ikun possibbli li ssir spezzjoni viżwali tal-ispazju fejn jinżammu l-annimali; (iii) li minnu ma jitħalliex iseħħ jew jiġi mminimizzat il-ħruġ ta' eskrementi, ta' mifrex jew ta' għalf tal-annimali, u (iv) li tnaddaf u ġie ddiżinfettat b'diżinfettant awtorizzat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew territorju immedjatament qabel it-trasportazzjoni tal-annimali mingħajr kuntatt ma' annimali oħrajn li ma kinux konformi mal-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti II.3.1, II.3.2 u II.3.3;

(c) matul it-trasport lejn il-biċċerija ma għaddewx minn pajjiż terz jew territorju jew żona tiegħu li mhijiex awtorizzata għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk ta' annimali porċini domestiċi u ma ġewx f'kuntatt ma' annimali bi status tas-saħħa aktar baxx;

(d) ġew skarnati [[fi ___/___/____ (jj/xx/ssss)] [2] [bejn ___/___/____ (jj/xx/ssss) u ___/___/____. (jj/xx/ssss)] [2]] [5];

(e) ma kellhom l-ebda kuntatt ma' annimali bi status tas-saħħa aktar baxx matul l-iskarnar tagħhom;

II.3.5. inkiseb f'**biċċeriji** li fihom u madwarhom, fi ħdan raġġ ta' 10 km, inkluż fejn xieraq it-territorju ta' pajjiż ġar, l-ebda waħda mill-mardiet imsemmija fil-punt II.3.1 ma ġiet irrapportata matul l-aħħar 30 jum qabel id-data tal-iskarnar tal-annimali;

II.3.6. ġie segregat b'mod strett minn laħam frisk li ma jikkonformax mar-rekwiżiti dwar is-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk ta' annimali porċini domestiċi matul l-operazzjonijiet ta' skarnar u tqattigħ, u sa:

[2] *jew* [l-imballaġġ tiegħu għall-ħżin ulterjuri.]

[2] *jew* [it-tagħbija tiegħu, bħala laħam frisk mhux imballat, fuq il-mezz tat-trasport għad-dispaċċ lejn l-Unjoni.]

II.4. Attestazzjoni tat-trattament xieraq tal-annimali

Jien, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika li l-**laħam frisk** deskritt fil-Parti I huwa derivat minn annimali li ġew ittrattati fil-biċċerija f'konformità mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjon i tal-annimali fil-ħin tal-qtil jew mill-inqas ma' rekwiżiti ekwivalenti.

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat CA POR**

Noti

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Qafas ta' Windsor (ara d-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023, ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87) flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Qafas, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropea f'dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk u ta' laħam ikkapuljat (kif definit fil-punti 1.10 u 1.13 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) ta' annimali miżmuma ta' razez domestiċi ta' annimali porċini (kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (8), tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692) mill-Kanada.

L-esklużjoni ta' laħam separat mekkanikament tissemma espliċitament fit-titolu sabiex tiġi evitata kwalunkwe konfużjoni minħabba li dan il-prodott ma għandux jidħol fl-Unjoni bl-użu ta' dan iċ-ċertifikat ta' laħam frisk.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għandu jimtela f'konformità man-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

Parti I

Kaxxa ta' referenza I.8: Ipprovdi l-kodiċi taż-żona kif jidher fil-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

Kaxxa ta' referenza I.27: "Kodiċi NM": Indika l-kodiċi(jiet) xieraq/xierqa tas-Sistema Armonizzata (SA) tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali taħt l-intestaturi li ġejjin: 0203, 0206, 0209, 0504 jew 1501.

"Natura tal-komodità": Indika "karkassa – sħiħa", "karkassa – ġenb", "karkassa – kwarti", "ġewwieni" (6) jew "qatgħat".

"Tip ta' trattament": Jekk xieraq, indika "dissussat", "bl-għadma" u/jew "immaturat". Jekk iffriżat, indika d-data tal-iffriżar (xx/ss) tal-qatgħat/biċċiet.

Parti II

(1) L-istandards u r-rekwiżiti Kanadiżi rilevanti huma rikonoxxuti bħala ekwivalenti għall-istandards u r-rekwiżiti tal-Unjoni Ewropea skont il-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra.

(2) Ħassar jekk mhux xieraq.

(3) Il-kodiċi taż-żona f'konformità mal-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(4) Għaż-żoni b'data tal-ftuħ fil-kolonna 8 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 biss.

(5) Data jew dati tal-iskarnar. Dan il-laħam frisk għandu jkun permess jidħol fl-Unjoni biss jekk ikun inkiseb minn annimali li ġew skarnati wara d-data tal-awtorizzazzjoni taż-żona/i msemmija fil-punt II.3.1. għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk ta' annimali porċini domestiċi, jew matul perjodu meta l-miżuri ta' restrizzjoni dwar is-saħħa tal-annimali meħuda mill-Unjoni ma kinux fis-seħħ kontra d-dħul fl-Unjoni ta' dak il-laħam frisk minn dik/dawk iż-żona/i, jew matul perjodu meta l-awtorizzazzjoni ta' dik/dawk iż-żona/i għad-dħul fl-Unjoni ta' dak il-laħam frisk ma kinitx sospiża.

(6) Ħlief id-dħul fl-Unjoni ta' demm frisk li mhuwiex permess f'konformità mal-Artikolu 130 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

(7) Applikabbli għall-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni mit-3 ta' Settembru 2026.

(8) Jew elenkati f'atti ta' implimentazzjoni oħra adottati f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat (UE) 2023/905.

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat CA POR**

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali)

Data

Kwalifika u titolu

Timbru

Firma"